

# SOĊJETA' PIROTEKNIKA
# 15 Ta' AWISSU MOSTA
# 1983 – 1990

# SUBARU



**Lm 3050**

## Special Price for Mosta Residents

## J10/J12 Series
## The Dynamic 4 W.D./F.W.D.

- Compact and Economical (58m.p.g.) 1.0/1.2 litre engine
- Very spacious interior space
- Designed to give you years of outstanding economical performance and reliability
- Corrosion preventive galvanized steel sheet
- Automatic transmission also available

**Choose from the wide range of 3 and 5 door sedans.**

*Call at:*

**SUBARU**
S H O W R O O M
Eucharistic Congress Rd., Mosta.

# GĦAQDA PIROTEKNIKA 15 TA' AWISSU MOSTA

**PRESIDENTI ONORARJI**

Onor. Lawrence Gatt M.P. — Perit Vigo Micallef
Onor. F. Micallef M.P. — Robert Cardwell (Texas USA)
Onor. George Gatt M.P.

## KUMITAT

**PRESIDENT**
Benedict Busuttil

**VIĊI PRESIDENT**
George Camilleri

**SEGRETARJU**
Emmanuel Camilleri

**ASST. SEGRETARJU**
Saviour Vassallo

**KAXXIER**
Eustace Camilleri

**ASS. KAXXIERA**
Ronnie Mallia, Salvu Galea

**MEMBRI**
Jimmy Camilleri, Johann Spiteri

**P.R.O.**
Victor B. Caruana

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu fil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktejjeb. Ringrazzjament speċjali lil dawk kollha li għenu permezz ta' reklami.

Billi dan il-ktejjeb ġie ppreparat kmieni, ma kienx possibli li ninkludu l-isponsors tal-programm tan-nar. Dawn jiġu ppublikati fil-programm il-kbir, ftit qabel il-festa.

---

Il-Kumitat u l-Membri tal-Għaqda tan-Nar 15 ta' Awissu jixtiequ jirringrazzjaw lil Edmond Saliba u lil William Gatt li tant irsistew sabiex jiġi ppublikat dan il-ktejjeb.

---

Designed And Printed By Industry Services Ltd, Mosta Tel: 493174

**VASSALLO** Concrete Supplies Ltd.



**Suppliers of:**

- ☐ Ready Mixed Concrete
- ☐ Torba
- ☐ Precast Concrete Components
- ☐ Hollow Concrete Building Bricks





- ☐ Roofing Beams & Blocks
- ☐ Sand and Spalls



## F. & J.D. (MOSTA) LTD.

Quarry No. 32
Misraħ Suffara, Rabat, Malta.
Tel: 674346

## LAND AND ESTATE DEVELOPERS

Wied il-Ghasel, Burmarrad
Tel: 444222

# Messaġġ ta' l-Arċipriet

Bi pjaċir qed nikteb kelmtejn fuq dan il-fuljett maħruġ mill-Għaqda tan-Nar 15 ta' Awissu għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija.

Nibda biex ngħid li napprezza ħafna l-organizzazzjoni ta' din l-Għaqda. Dejjem ħadt l-impressjoni li jeżisti sens qawwi ta' maturità u dixxiplina. Dan ħassejtu l-aktar, meta ressaqt proposti u suġġerimenti speċjalment dwar ħinijiet, limitu u ammont fil-ħruq tan-nar. Għalkemm id-deċiżjoni m'hix tiegħi, għax m'inix responsabbli mill-ħruq tan-nar, jiena dejjem sibt attitudni tajba ta' koperazzjoni u moderazzjoni.

Laqtitni ferm ħaġa żgħira li saret is-sena l-oħra hekk kif spiċċat il-festa: il-grupp kollu tan-Nar inġabar fil-knisja u flimkien qalu talba ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna li kollox irnexxa b'wiċċ il-ġid. Dan wera li l-grupp huwa sensittiv għall-periklu u fiduċjuż fl-għajnuna ta' Alla.

Hawn min hu kontra l-logħob tan-nar u allura ma japprezzax il-ħidma u l-isforzi tagħkom! Jiena ngħidilkom: oqogħdu dejjem attenti, evitaw kull esaġerazzjoni u periklu bla bżonn, agħtu każ ta' min jista' jbati u komplu sebbħu l-Festa ta' Santa Marija.

**Dun Joe Carabott**
*Arċipriet*

Arthur's PHOTO and VIDEO service

16, Xorxa Street Mosta.
Tel: 497185

For weddings, engagements, parties, etc.
cameras, albums, frames, stationery,
gifts, cards, toys, games.

# Bonavia Stores Ltd

Sole Agents for

- CAR/COACH LIFTERS
- CONSTRUCTION INDUSTRY TOOLS
- EMERGENCY LIGHTING EQUIPMENT
- FORK LIFTERS
- GARAGE EQUIPMENT
- GENERATORS
- HAND TOOLS
- INDUSTRIAL MACHINERY
- MEASURING INSTRUMENTS
- PNEUMATIC LUBRICATING EQUIPMENT
- PNEUMATIC TOOLS
- PNEUMATIC WASHING TANKS
- POWER TOOLS AND ACCESSORIES
- PRECISION TOOLS
- SAND BLASTERS
- STEAM AND PRESSURE CLEANERS
- TOWING TRUCKS
- WELDING, SOLDERING AND BRAZING EQUIPMENT

**ANĠLU GATT STREET,**
**MOSTA, MALTA**
**TELEPHONE 487570**

(Ritratt: Victor B. Caruana)



Il-gaffa qed tħammel l-art sabiex jinbena l-post tan-nar il-ġdid fid-Dwejra, f'Lulju 1984.



Ritratt li juri l-bini tal-"blastwall" li qiegħed idawwar l-istorage area tal-post tan-nar.




**LORD NELSON BAR**

MOSTA, MALTA. TEL: 444047

*Proprietors:* Jim & Mary Camilleri

**Snacks & Local Food**

# Messaġġ mill-President

Il-15 ta' Awissu hi ġurnata li għal kull Mosti tfisser ġurnata speċjali fuq il-ġranet l-oħra tas-sena, sija jekk wieħed igħix fil-Mosta u kemm jekk igħix f'xi raħal ieħor, saħansitra anki għal dawk li jgħixu barra mix-xtut ta' dawn il-gżejjer. Kull min għandu qatra demm Mosti ġo fih żgur li jaqbel miegħi li l-Mosta w il-ġurnata tal-15 ta' Awissu huma integrati flimkien.

L-għaqda tagħna, "Għaqda 15 ta' Awissu", tħossha kburija li tagħti s-sehem tagħha biex din il-ġurnata li hi ddedikata lil Marija Mtella' s-Sema tkun ġurnata speċjali mill-oħrajn. Jien naf li meta l-għaqda tagħna ma setgħetx tagħti s-sehem tagħha l-festa xorta saret, iżda naf ukoll li bis-sehem żgħir tagħna l-festa kompliet kibret minn sena għall-oħra u dan hu dovut għall-membri attivi ta' din l-għaqda li jissagrifikaw l-ħin liberu tagħhom flimkien ma' ħafna sagrifiċċji u anki sogru għal ħajjithom. Dawn il-membri jien insejħilhom verament patrijotti Mostin għax minkejja kull tfixkil li jsibu ma' wiċċhom kultant anki minn nies li jippretendu li huma verament Mostin, minkejja dan dawn il-membri mhux talli ma jċedux anzi ssibhom imiddu għonqhom biex jaħdmu aktar iebes. J'Alla l-Mostin ġenwini japprezzaw ix-xogħol ta' dawn sħabna w innislulhom anki xi kelma ta' kuraġġ sabiex is-sehem ta' dawn il-membri fil-festa tagħna ma jonqos qatt.

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.**

**Benedict Busuttil**
*President*


# yours boutique

67, Constitution Street, Mosta Tel. 491872

Il-Ħanut fejn issib ħwejjeġ għal kull okkażjoni

*Għadna kif irċevejna stock ġdid ta' ħwejjeġ bi prezzijiet moderati ħafna.*

GĦAN-NISA
Ilbiesi, Tops, Dbielet, Qliezet, Jumpers, Kowtijiet, Ġgieget, Etc.

GĦALL-IRĠIEL
Ilbiesi, Ġlekkijiet, Qliezet, Qomos, Jumpers tas-Suf, Sweat Shirts, Etc.

TYRE SERVICES LTD.

# Kelmtejn mis-Segretarju

Iż-żmien ta' 10 snin li ilni nieqes minn raħal twelidi, il-Mosta, donnu kien ta' injezzjoni għalija sabiex demmi, demm Mosti, aktar ibaqbaq ġo fija għal raħal twelidi u hu proprju f'dawn il-ġranet ta' festa li t-tbaqbiq jilħaq il-quċċata tiegħu, tant li meta xi ħadd biex jiċċajta jgħidli li m'għadnix magħdud mal-Mostin kważi nasal li nieħu għalija għax ma nistax inniżżilha li jgħiduli li m'inix Mosti. X'inhu dan il-patrijottiżmu? X'saħħa tal-għaġeb għandu ġo fina? Kif jitqanqal daqshekk ġo fina? Jiddispjaċini ngħid li meta nagħmel dawn il-mistoqsijiet lili nnifsi nħossni nitħawwad u ma nagħrafx inwieġeb għalihom. Forsi l-ambjent familjari li wieħed igħix fihom igħin ħafna. Jekk wieħed jitwieled ġo familja fejn il-patrijottiżmu hu qawwi, faċli li l-ulied jitilgħu patrijotti għal raħal twelidhom. F'dan kollu jien ma nara xejn ħażin sakemm ma jkunx patrijottiżmu esaġerat, x'hemm ħażin li wieħed jiġbed lejn raħal twelidu? Sakemm l-abjad tgħidlu abjad u l-iswed tgħidlu iswed żgur li ma hemmx xejn ħażin.

Naħseb kien minħabba dan il-patrijottiżmu ġewwa fija li sħabi tal-Għaqda 15 ta' Awissu, poġġewni f'żewġ karigi fi ħdan din l-istess għaqda, żewġ karigi li jien nipprova u dejjem ipprovajt naqdi bl-akbar onestà u dan minkejja l-ħafna sagrifiċċji li jkolli nagħmel jien u kultant anki jkollhom jidħlu fihom l-istess familjari tiegħi. Jiddispjaċini meta xi ħadd ma jifhimx jew lili jew lil xi membru ieħor minn tal-kumitat u dan minħabba l-istess nuqqas ta' ftehim jagħżel li jwarrab mill-istess għaqda u wara ssibu jiżra' l-mibegħda kollha kontra l-istess għaqda li qabel kien jifforma parti minnha. Jiddispjaċini tassew meta nara persuni li minħabba l-egoiżmu personali jmorru biex ngħid hekk ibiegħu (mhux għall-finanzi) dak kollu li l-Għaqda 15 ta' Awissu tkun għallmithom. Imma min jaf? Forsi f'din id-dinja meta l-irġulija ma tantx għad għandha stima wieħed ma tantx għandu biex jistagħġeb.

Il-festa t-tajba lil kulħadd b'mod speċjali lil dawk li matul is-sena nqasthom f'xi ħaġa.

**VIVA SANTA MARIJA.**

E. Camilleri
*Segretarju*




SUPPLIERS OF GENERAL BUILDING MATERIALS

Asbestos Pipes & Fittings
Galvanised Water Pipes & Fittings
Electrical Galv / B.E. Fittings
Damp Proofing Compounds
P V C Pipes & Fittings

Deformed Reinforcing Steel Bars
Sheared to size & bended to shape
Reinforcing Steel Mesh
Delivered
(up to 4-stories)

STOCKISTS OF STEEL SECTIONS
Mild Steel Chequered Sheets - Expanded Metal
Mild Steel Rectang. / Square - Hollow Sections
Mild Steel Flat Rectangular and Square Bars
Mild Steel Angles - Channels - Tees
Mild Steel Round Solid Bars

WATERPROOFING MEMBRANE

# Appell mill-Kaxxier

Wara sena ta' xogħol u sagrifiċċji reġa' wasal iż-żmien li tant inkunu qed nistennew, iż-żmien meta aħna l-Mostin niċċelebraw jum l-Assunta. Hu proprju dan iż-żmien li l-għaqda tagħna trodd lura lill-Mostin dak kollu li ġabret mingħand il-Mostin. Kultant insib xi wieħed li jistaqsini minn fejn inġibu dawk il-flus kollha li neħtieġu biex inżommu l-post tan-nar u nagħmlu l-logħob tan-nar għall-festa.

M'hiex ħaġa faċli, biex iżżomm il-post tan-nar biss trid spejjeż kbar kull sena u tant ieħor trid għall-materjal li jinħadem f'logħob tan-nar. Dawn l-ispejjeż kollha jinġabru dirett mill-poplu Mosti permezz tal-ġbir bl-envelopes, parti oħra jinġabru minn donazzjonijiet li jagħti l-Arċipriet, però b'dan kollu xorta mhux biżżejjed. Il-membri tagħna minbarra x-xogħol għall-Mosta jagħmlu xi xogħol ieħor għal diversi okkażjonijiet (mhux politiċi) u l-flus li jidħlu minn dawn imorru għall-istess festa ta' Santa Marija. Barra minn hekk il-membri u xi ħbieb tal-Għaqda jorganizzaw diversi attivitajiet bħal Bar'b'ques, dinner dances, eċċ. eċċ. Donazzjonijiet jaslu wkoll mingħand diversi benefatturi.

F'din l-okkażjoni tal-festa nixtieq nirringrazzja lil kull min qed jagħti s-sehem tiegħu u nappella lil dawk li jixtiequ li jagħtu s-sehem tagħhom, imma minħabba xi raġuni jew oħra dejjem baqgħu lura, biex jagħmlu l-kuraġġ u jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom sabiex il-festa tkompli tikber. F'ismi u f'isem il-membri tal-Għaqda nixtieq lil kulħadd "Festa mill-Aqwa".

**VIVA SANTA MARIJA.**

Euc. Camilleri
*Kaxxier*


# OSCAR MIZZI ALUMINIUM LTD.

Aluminium Doors & Windows

**NEW STREET OFF FORT STREET, MOSTA**

**TEL: 445735**

# ULTRAVOX

Electronic European Technology



TOP LINE 21"~ 25"~28"

- Full square /Flat & Square Black-matrix Picture tube
- Bilingual
- Two-channel stereo sound
- 2x15 Watts
- CATV tuner
- Satellite reception
- Scart connector
- Contrast filter
- 99-channels digital frequency synthesis
- 30-programme storage
- Headphone receptacle
- ONE YEAR GUARANTEE

FROM Lm 320 CASH

FREE TELETEXT worth Lm 40

AGENTS: J.ZERAFA
MOSTA ELECTRONIC CENTRE
Constitution Str., Mosta. Tel:412091

# MARIANO GAUCI

ALUMINIUM & WOODWORKS

ST. MARY'S GARAGE, NEW STR. IN BRIDGE STREET, MOSTA.
TEL: 449107



(Ritratt: Johann Spiteri)



Parti mil-logħob tan-nar ta' l-art magħruf bħala l-MURTAL, li tant kien irnexxa. Dan kien inħadem fl-1987.

**GATT**

# GATT BROTHERS (MOSTA) LTD.

**TRIQ IN-NAĠĠAR, MOSTA.**
**Tel.: 441132/440111.**

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

*Manufacturers of:*
CONCRETE BLOCKS & PRECAST
CONCRETE SLABS



**RITE MIX (GATT BROS) LTD**

**TEL: 440443, 440176**

SUPPLIERS OF READY MIXED CONCRETE



# Jikteb il-P.R.O.

Għalkemm l-Għaqda tagħna ilha ffurmata għal madwar erbgħin sena, din ġiet iffurmata uffiċjalment f'Awissu ta' l-1983. Il-fundaturi tagħna kienu żewġ familji Camilleri, li d-dixxendenti tagħhom għadhom sa llum membri ħabrieka.

Il-moħħ u t-tmexxija tal-Għaqda tagħna fl-imgħoddi kien il-mibki Carmel Camilleri, missier is-Segretarju preżenti ħabrieki u l-bniedem responsabbli għall-post tan-nar; li hu Emy Camilleri. Sa llum għad għandna l-appoġġ sħiħ tal-familja Camilleri, li minbarra għajnuna kbira diretta, sa waslet biex offriet il-premises tagħha bħala l-headquarters tagħna.

Aħna kburin li aħna mmexxija minn Emy. Aħna nqisuh mhux biss bħala l-imgħallem, iżda bħala ħuna l-kbir, li tassew jieħu ħsiebna. Hu ma jonqos qatt li jagħtina pariri siewja, għax tassew iridilna l-ġid.

Kienet dejjem il-ħolma tal-membri li jkollhom post xieraq li fih jaħdmu n-nar mingħajr periklu żejjed. Huma tħabtu ħafna u fl-aħħar fl-1985 ġiet akkwistata biċċa art mingħand il-Gvern fid-Dwejra. Ix-xogħol inbeda mill-ewwel, b'ħafna sagrifiċċju kien lest f'qasir żmien.

Oriġinarjament, dan kien jikkonsisti f'żewġ workshops, kamra għat-tnixxif, kamra għall-mutur tal-porvli u storage area. Dan jikkonsisti f'erba' kmamar imdawwra bi "blast wall." Il-kumpless kollu hu mdawwar b'fence. Barra l-fence nsibu kċina, shower u toilet. Din isservi wkoll bħala rest-room u smoking room.

Dan l-aħħar nbena garaxx kbir bħala store għal kartun. Il-post huwa miżmum tajjeb ħafna. Minn żmien għal żmien ikollna spezzjonijiet dwar l-indafa, sigurtà u mezzi ta' tifi tan-nar, mill-awtoritajiet. Dawn kienu dejjem sodisfatti bil-mod li hu mmexxi dan il-post.

Is-sur Robert G. Cardwell, li huwa Amerikan, dan l-aħħar ġie maħtur President Onorarju tal-Għaqda tagħna. Is-sur Cardwell huwa espert magħruf tal-logħob tan-nar. Huwa kien il-mistieden tal-għaqda tagħna sentejn ilu, matul il-festa. Huwa baqa' impressjonat bil-kwalità tal-logħob tan-nar maħdum mill-membri tagħna. Huwa bagħat igħidilna li jħossu ferm kburi b'din il-ħatra.

F'isem l-Għaqda kollha nixtieq nirringrazzja lill-Mostin kollha tal-ġenerożità tagħhom. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-Arċipriet ta' l-appoġġ li dejjem tana.

Bil-koperazzjoni ta' kulħadd aħna nagħmlu kull ma nistgħu sabiex ikollna festa sabiħa ad unur tal-għażiża **SANTA MARIJA MTELLA' S-SEMA.**

**Victor Caruana**
*P.R.O.*

# PROGRAMM TA' LOGĦOB TAN-NAR MAĦDUM MILL-MEMBRI TAL-GĦAQDA 15 TA' AWISSU

**Il-Ħadd 29 ta' Lulju:** ĦRUĠ MIN-NIĊĊA
Ħruq ta' salut, kaxxa nfernali u murtaletti.

**Is-Sibt 11 ta' Awissu** L-EWWEL JUM TAT-TRIDU
Fit-8.00 a.m. ***
Fl-12.00 Ħruq ta' murtali u murtaletti.
Fid-9.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-beraq u kulur. X'ħin jasal il-marċ fil-pjazza tinħaraq kaxxa nfernali.

**Il-Ħadd 12 ta' Awissu** IT-TIENI JUM TAT-TRIDU
Fit-8.00 a.m. ***
Fl-12.00 Ħruq ta' murtali u murtaletti.
Fid-9.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-beraq u kulur. X'ħin jasal il-marċ fil-pjazza tinħaraq kaxxa nfernali.

**It-Tnejn 13 ta' Awissu** L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU

Fit-8.00 a.m. ***
Fl-12.00 Ħruq ta' murtali u murtaletti.
Fid-9.00 p.m. Ħruq ta' murtali tal-beraq u kulur. X'ħin jasal il-marċ fil-pjazza tinħaraq kaxxa nfernali.

**It-Tlieta 14 ta' Awissu** LEJLIET IL-FESTA

Fit-Te Deum ħruq ta' murtali, kaxxa nfernali u murtaletti.
Fl-12.00 ħruq ta' murtali u murtaletti.
Fis-6.30 p.m. Translazzjoni. Ħruq ta' murtali, kaxxa nfernali u murtaletti.
Fl-10.00 p.m. Ħruq ta' murtali, murtali tal-beraq u kulur.
Fl-11.00 p.m. Ħruq ta' nar ta' l-art u wara kaxxa Roman Candles.

**L-Erbgħa 15 ta' Awissu** JUM L-ASSUNTA

Fit-8.00 a.m. ***
Wara l-Quddiesa Solenni ħruq ta' murtali u murtaletti.
Fis-7.00 p.m. Ħruġ tal-Proċessjoni. Ħruq ta' Salut u kaxxa nfernali. Wara murtaletti jakkompanjaw il-purċissjoni. Fid-dħul tal-vara tinħaraq skrizzjoni bil-gassijiet minn fuq il-Knisja u wara Kaxxa Roman Candles.

## VIVA SANTA MARIJA

*** F'dan il-ħin mhux ser jinħaraq nar. Ara spjegazzjoni aktar 'l ura fil-ktieb.

# NEW REEF

*General Store*

★ Stainless Steel Fasteners
★ 95 different types of Frame Moulding
★ Polyester Resins — Glass Fibre Mat
★ General Hardware Store

**9th APRIL STREET,
MOSTA — MALTA
TEL. 410508**

EST. 1969

# MOSTA AUTO DEALERS

**75/77 Constitution Street,
Mosta
Tel.440696**

(Ritratt: Johann Spiteri).



Parti mix-xogħol ta' l-ajru fl-istore.



Parti min-nar ta' l-art tas-sena l-oħra.

(Ritratt: Johann Spiteri)




# LOPORTO




# FEEDS

FIR-RAHAL BL-ISBAH KNISJA, ISSIB WKOLL L-AQWA PRODUTTURI TA' ĠWIEŻ.

A G R I S U P P L I E S L T D . M A L T A

Matul dawn l-aħħar snin il-kumitat tal-Għaqda 15 ta' Awissu daħħal xi riformi f'dak li hu ħinijiet tal-ħruq tal-logħob tan-nar.

F'dawn l-aħħar snin wieħed seta' jinnota li matul il-Barka Sagramentali u anki waqt is-Santu tal-Quddiesa ma għadhomx jinħarqu murtali. Dan qiegħed isir bl-approvazzjoni ta' l-Arċipriet sabiex ma ntellfux il-funzjonijiet ġewwa l-Knisja li wara kollox huma l-qofol tal-festa. Għall-ewwel sibna xi Mostin li kienu kontra dawn il-miżuri imma maż-żmien jidhru li ndraw u ġew aċċettati.

Għal din is-sena ħassejna li għandna nintroduċi miżuri oħra ġodda. Bħal ma jaf kulħadd hawn Malta fil-festi nħobbu naħarqu n-nar fit-8.00 a.m. Hawn il-Mosta din it-tradizzjoni konna nżommuha wkoll imma bħal ma jgħidu ż-żminijiet jinbidlu u jidher li dawn il-murtali f'dawn il-ħinijiet qed iservu xi ftit jew wisq ta' nkonvinjent. Għalhekk aħna ħassejna li għal din is-sena nieħdu miżura li ma naħarqux murtali fit-8.00 a.m. b'eċċezzjoni ta' l-14 ta' Awissu fejn ftit wara dawk il-ħinijiet isir it-Te Deum. Dawn il-miżuri ser nagħmluhom bi prova għal din is-sena. Il-Kumitat jemmen li sabiex inkabbru l-festa ma hemmx għalfejn inżidu fin-nar. Min-nar, il-festa żgur li mhiex nieqsa, imma aħna nħossu li jekk fil-festa ikun hemm aktar ordni, il-festa żgur li tikber.

Is-sena l-oħra l-Kumitat ħa ħsieb joħroġ direttivi għall-membri tiegħu għal waqt il-marċi tal-festa. Aħna nieħdu pjaċir ninnutaw li dawn id-direttivi ġew obduti u kollox mexa ħarir, tant li kienu diversi dawk li faħħru dawn id-direttivi. Il-mod kif ġew obduti turi ċerta serjetà min-naħa tal-membri ta' din l-għaqda. Il-kumitat iħoss li dawn id-direttivi ma sarux għal xi sena partikulari iżda biex jibqgħu għal matul is-snin, għalhekk inħeġġu lill-membri u l-partitarji sabiex ikomplu jobdu dawn id-direttivi.

**Il-Kumitat**

Ritratt ta' quddiem

**Dehra tal-post tan-nar li jinsab fid-Dwejra.**

(Arthur's Photo Service)

## APPELL

Il-ġenituri, b'mod speċjali ta' tfal subien, huma mħeġġa biex jispjegaw lil uliedhom li għalkemm il-logħob tan-nar hu sabiħ daqstant hu perikoluż.

Inħeġġukom tgħidu lil uliedkom li jekk isibu xi ħaġa b'konnessjoni mal-logħob tan-nar dawn jinfurmawna fil-Lord Nelson Bar sabiex aħna nieħdu ħsiebha.

Il-Kumitat

**IL-KUMITAT U L-MEMBRI TA' L-"GĦAQDA 15 TA' AWISSU" TAL-MOSTA JIXTIEQU LILL-MOSTIN KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TAL-PADRUNA TAGĦNA "SANTA MARIJA".**


# JR RADIATORS LTD.

**WE MANUFACTURE AND REPAIR.**

All kinds of radiators and oil coolers – Commercial and Industrial –

**WE OFFER:**

**• SPECIAL DISCOUNT • FREE DELIVERY**

Visit our factory: KW 13b CORRADINO
or INDUSTRIAL ESTATE
give us a call: TELEPHONE 804752





Logħob tan-nar maħdum mill-Għaqda tagħna għal
Santa Marija 1989

(Ritratt: Victor B. Caruana)

# Fil-Jum tal-15 ta' Awissu

kitba ta' E. CAMILLERI

Kien għadu dlam taqtgħu b'sikkina meta l-isveljarin beda jdoqq lil Mario biex iqum. Hu ma tantx tah ċans idoqq għax mill-ewwel qam jagħlaqlu ħalqu. L-istess sveljarin stagħġeb kemm kien pront Mario llum biex jitfih. Is-soltu, għalkemm aktar tard, kien iħallih idoqq. Daż-żgur li ma tantx iħallih sejjer idoqq illum, Mario. Illum għandu ġurnata twila u iebsa quddiemu, ġurnata ta' tbatija ħafna aktar minn tas-soltu. Imma dan x'ġenn hu?

Meta s-soltu jmur għall-ħobża ta' kuljum dan iġib id-dinja fit-tarf biex iqum, u biex niftiehmu, ix-xogħol tiegħu mhux ta' tbatija u issa llum li sejjer għat-tbatija vera dan tar mis-sodda.

Mario, li raħal twelidu kien jiġi l-ewwel u qabel kollox, ħass li llum dan ir-raħal qiegħed igħajjatlu u dan irid xi ħaġa minnu, f'din il-ġurnata speċjali tal-15 ta' Awissu. Hu kien ilu kważi sena jaħdem u jipprepara ma' sħabu xi xogħol tan-nar għal din il-ġurnata tal-lum sabiex il-festa tar-raħal ma tkunx agħar minn ta' l-irħula l-oħra. Matulek ja sena, tgħidx kemm sagrifiċċji għamel u bata hu u anki l-familjari tiegħu batew minħabba fih, imma issa kollox intesa għax proprju llum waslet il-ġurnata li fiha ser jara l-frott ta' dak kollu li għamel matulek ja sena; xtaq li kieku jgawdi ftit mill-marċi tal-festa u jara l-purċissjoni bl-istatwa tant għal qalbu ħierġa mill-Knisja imma dan ma setax jagħmlu għax ix-xogħol tan-nar jirrikjedi ħafna preparamenti u ħafna xogħol ta' tbatija. "Imma ma jimpurtax," qal Mario lilu nnifsu – l-aqwa hu li dak li qiegħed jagħmel qiegħed jagħmlu għal raħal twelidu u b'dan kollu kien kuntent ħafna.

Din il-ġurnata għaddiet bħal ħolma, il-purċissjoni ħarġet u daħlet u Mario issa kien qisu biċċa karta, ma fadallu saħħa ta' xejn wara ġurnata iebsa bħal dik imma madanakollu kien ferħan ħafna għax kollox għadda b'wiċċ il-ġid. Il-murtali kienu sbieħ ħafna għalkemm xi erba' minnhom donnhom ma riedux jagħmlu xogħolhom kif suppost imma bħal ma jgħidu xi ħaġa trid tittanta.

Mario u sħabu issa li kienu kollhom ħamrija u għaraq ġew lura mill-għalqa fejn inħaraq in-nar u wara li għamlu visita lis-Sagrament bħala ringrazzjament, dawn marru fejn soltu jiltaqgħu dawk tan-nar biex jixorbu xi flixkun birra. Hemmhekk sabu għad ta' dilettanti tan-nar li kienu ġew minn irħula oħra u dawn bdew jagħtu prosit lil Mario u sħabu għax-xogħol tan-nar li kienu esibew.

M'għandniex xi ngħidu Mario ħa pjaċir ħafna b'dawn il-kumplimenti; għallanqas l-isforzi li kien għamel hu u sħabu kienu qed jiġu apprezzati mill-barranin, "aħseb u ara n-nies tar-raħal kemm ser japprezzaw aktar l-isforzi tiegħu u ta' sħabu". U b'dan il-ħsieb f'rasu beda jaħseb biex jirtira lejn id-dar sabiex jinħasel u mingħalih jorqod raqda li tpatti għan-nuqqas ta' rqad ta' matul dawn l-aħħar ġranet. Mario kien kuntent u ma kien hemm xejn xi jtelfu minn raqda tajba.

Kien fadallu erba' passi biex jasal id-dar meta Mario lemaħ lil Pietru u lil Manwel, tnejn mir-raħal u li jippretenduha li r-raħal ma jimxix mingħajrhom. Mario għadda mill-qrib tagħhom biex forsi jgħaddulu l-kummenti tagħhom fuq in-nar u għax ngħiduha kif inhi, kien għatxan għal dik il-prosit, iżda ħaġa ta' l-iskantament dawn anqas biss ittendew bih. Anzi Mario ħa l-akbar dehxa meta sema' lil Pietru ilissen lil Manwel: "Ma kien igħid xejn in-nar illum."

Mario daħal id-dar qisu mismut u minkejja dik l-għeja kollha xorta ma setax jorqod, għax ħlief kliem Pietru ma semgħax f'widnejh. Ipprova kieku jagħlaq għajnejh iżda kien kollu għal xejn. Il-kliem ta' Pietru kien tah 'il ġewwa wisq, talab lil Madonna li kien devot kbir tagħha sabiex tgħinu jagħlaq għajnejh u jistrieħ. Ħin minnhom qam minn fuq is-sodda u idu strieħet fuq daqsxejn ta' ktieb li kien hemm fuq il-komodina fejn ras is-sodda. Kien ktieb "Il-Kelma tal-Ħajja". Fetaħ dan il-ktieb u quddiemu tfaċċat biċċa mill-Vanġelu skond San Luqa Kap 4 Vers 24: "TASSEW NGĦIDILKOM EBDA PROFETA MA HU MILQGĦUH TAJJEB F'PAJJIŻU". Mario għal mumenti ċċassa u fl-istess ħin tbissem, kien fehem il-messaġġ. "Grazzi Marija", lissen Mario u medd rasu fuq l-imħadda u raqad.

# THREE BARRELS LTD.

**The House for Wines, Spirits & Liquers**

12/13, CASTRO STREET, NAXXAR.
TELEPHONE: 410817/442943



(Ritratt: Victor B. Caruana)



Is-Sur Robert G. Cardwell, espert magħruf tan-nar minn Texas USA flimkien mas-Sur Emmy Camilleri, waqt żjara li hu għamel fil-Kumpless tan-nar fl-1988.




Skrizzjoni maħduma bil-gassijiet li aħna ħdimna dawn l-aħħar tliet snin fil-faċċata tal-Knisja u li hi attrazzjoni speċjali.

**BATTERY – TYRE CENTRE**

**REPAIRS & SALES & SERVICE**

MAIN STREET MOSTA TEL: 410665

# FINAL FURNITURE

181 CONSTITUTION STREET,
MOSTA - TEL. 410802
FACTORY - TEL. 413686

**Għal main bedrooms, spare bedrooms kċejjen**

*For Jeans and Textiles*

# BEST & LESS

*Where Quality costs less.*

59, Constitution Street, Mosta. Tel. 441164

TOP CHOICE
FOR STYLE & PRICE

*WHERE QUALITY COSTS LESS*

(Ritratt: Charles Busuttil)



Membri ta' l-Għaqda 15 ta' Awissu jippreparaw il-Kaxxa tal-Ħruġ tas-sena l-oħra



Murtal minn tagħna fuq sfond tar-Rotunda lejliet il-Festa ta' Santa Marija.

(Ritratt: Johann Spiteri)

# BIG BEN

## TEXTILE CENTRE

of Naxxar Road, Birkirkara

For Best Quality of
Fitted Carpets
and Curtains Made To Measure

Irrikorru

Għal kull xogħol ta' Deheb u Fidda



## *Gerald Jewellery*



(Prop. Gerald Attard)
**41, St Rita Street, Rabat, Malta. - Tel. 675786**
Ħinijiet tax-xogħol:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. - 12.30 p.m.; 3.00 p.m. - 7.00 p.m.
Is-Sibt 9.00 a.m. - 12.30 p.m.
Magħluq nhar ta' Erbgħa.
**NAĊĊETTAW TISWIJIET**

## MERILL

WIED IL-GĦASEL STREET,
c/w BRIDGE STREET, MOSTA

for

**STATIONERY, TOILETRIES, TOYS & GIFTS**
**FOR EVERY OCCASION**
**AT THE BEST QUALITY & THE CHEAPEST PRICE**

FOR YOUR WEDDING, ENGAGEMENT OR ANY PARTY, BOOK YOUR VIDEO AT MOSTA VIDEO RENTALS.

HI-FI EQUIPMENT
VIDEO CASSETTE RECORDERS

BEST QUALITY — Over 4,000 different titles.

MVR

**MOSTA VIDEO RENTALS**

(Prop. Mario Sammut)

58, Euch Congress Road, Mosta
Tel 493183

**GOVÈ TILES LTD**

TEL: 442254

224, VALLEY ROAD, B'KARA.

# SULTANA AUTOPARTS

ICI PAINTS DISTRIBUTOR
LADA PARTS STOCKIST
MECHANICAL – BODY PARTS ACCESSORIES

**Ġużè Duka Street,**
**TAL-ĦANDAQ - QORMI**
**Tel. 486172**

# SPITERI

129 TOWER STREET, MOSTA

for

**CLOTHES, UNDERWEAR, FOOTWEAR, BIRTHDAY PRESENTS AND BABY GIFTS, BABY WEAR, WEDDING GIFTS, TOYS AND STATIONERY.**



# TA' SOLI BAR & RESTAURANT



**Kaxxa nfernali tal-kulur tad-dħul ta' Santa Marija 1989.**

(Ritratt: Victor B. Caruana)




# BALLUT BLOCKS LTD.

***Hire of Heavy Machinery and Earth Moving Equipment***

* Ready Mix Concrete
* Hollow Concrete Building Blocks
* Prestressed Hollow Brick Floors
* Prestressed Hollow Concrete Panels

**BALLUT BLOCKS LIMITED**

WIED FILEP, SAN PAWL TAT-TARGA, l/o NAXXAR

Tel. 473093 - 487738 - 472666

Piazza Caffe

HOT & COLD
SNACKS
AND
ICE-CREAM
SPECIALITIES

Cauchi's

ROTUNDA SQUARE, MOSTA
TEL: 413379

FAST COLOUR PROCESSING

1 HOUR
SERVICE